MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1002/2002

**Giorgia Grech f'isimha proprja u bhala prokuratrici ta' hutha l-imsiefrin, Sister Marianne Micallef, Michael Micallef, George Micallef u Emmanuel Micallef u kif ukoll bhala prokuratrici ghan-nom u in rapprezentanza tan-neputijiet imsiefrin taghha Tony Micallef u Rose Natoli; u kif ukoll Maria Concetta Camilleri u Maria Sciberras.**

**-vs-**

**Kummissarju ta' l-Artijiet.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-5 ta' Settembru, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma l-proprjetarji ta’ zewg porzjonijiet ta’ art li jinsabu fl-inhawi maghruf bhala “Tal-Ibragg” Victoria, Ghawdex u li jikkonsistu fis-segwenti cioe:-

(a) Bicca art tal-kejl ta’ zewg tomniet zewg sighan u tmien kejliet li fiha razzett u li tmiss mill-Grigal ma Triq l-Arcisqof Pace, mix-Xlokk in parti ma proprjeta ta’ Emmanuel Micallef u in parti ma beni ta Luigi Gauci u mil-Lbic in parti ma beni ta Mikiel Angelo Formosa u in parti ma beni ta Peter Formosa u in parti ma proprjeta ta Antonio Micallef; u

(b) Bicca art tal-Kejl ta 4 sighan li tmiss mix-Xlokk in parti ma beni ta Luigi Gauci, in parti ma beni ta Felix Micallef, mil-Lbic ma beni ta Assunta Micallef u mill-Majjistral in parti ma sqaq u in parti ma beni ta Felix Micallef;

Illi l-imsemmija artijiet kienu gew esproprjati mill-Gvern ta Malta in forza ta ordni mahruga mil-Agent Gvernatur Generali fis-6 ta Awissu 1967, kif debitament pubblikata fil-gazzetta tal-Gvern estratt ta liema qed jigi hawn mehmuz u markat Dok A fejn l-artijiet de quo jinsabu markati bhala item (3) u item (26);

Illi l-proceduri gudizzjarji relattivi ghal kumpens dwar dawn l-Artijiet intavolati mill-istess konvenut, cioe rikors numru 45/70 fl-ismijiet Avv. J.P. noe vs Giorgia Micallef et quddiem il-“Land Arbitration Board” kienu gew dikjarati dezerti permezz ta digriet tal-istess Bord datat 21 ta Dicembru 1974 kopja ta liema proceduri qed jigu hawn annessi markati Dok B;

Illi ghalhekk l-atturi qua proprjetarji ta l-istess artijiet baqghu qatt ma gew ikkumpensati ghat-tehid tal-istess Gvern ta Malta u tanto meno gie pubblikat l-att notarili opportun u relattiv ghat-trasferiment tal-artijiet de quo favur il-Gvern ta Malta u dana nonostante li ghaddew aktar minn 35 sena mill-precitat ordni tal-Agent Gvernatur;

Illi ghalhekk ma tezisti ebda procedura gudizzjarja pendenti ai termini tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta Malta rigwardanti l-esproprjazzjoni in kwistjoni u dana in vista u per konsegwenza tal-precitat digriet ta dezerzjoni;

Illi l-atturi ma jistghux jibqghu aktar f'din is-sitwazzjoni stagnata partikolarment wara l-moghdija ta dan iz-zmien kollu;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tordna lill-konvenut, sabiex fi zmien qasir u perentorju ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, jerga jibda mill-gdid l-procedura kollha mehtiega a bazi tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta Malta rigwardanti dina l-esproprjazzjoni u dana fis-sens illi ghandu jintavola mill-gdid l-att gudizzjarju relattiv u opportun cioe n-Notice to treat li permezz tieghu javza lis-sidien, l-odjerni atturi, bil-kumpens xieraq li l-Gvern ta Malta behsiebu joffri ghall-akkwist tal-proprjeta tal-bicctejn art fuq indikati, prevja okkorrendo dikjarazzjoni fis-sens illi l-avviz originali li permezz tieghu kienu gew intavolati l-proceduri fuq indikati bin-numru 45/70 ma ghadux aktar fis-sehh per konsegwenza tad-digriet ta dezerzjoni precitat;

2. Fil-kaz li l-konvenut jonqos li jagixxi in adempiment ta l-ordni moghtija minn dina l-Qorti skond l-ewwel talba fiz-zmien lilu prefiss, tordna li jittiehdu l-passi kollha gudizzjarji esekuttivi opportuni kontra l-istess konvenut ghal disprezz lejn l-Awtorita taghha;

Bl-ispejjes inkluzi dawn ta l-ittra ufficcjali datata 23 ta Awissu 2002 (Dok C) kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi skond il-ligi ghad-danni kemm materjali kif ukoll konsegwenzjali sofferti minnhom minhabba n-nuqqasijiet tal-konvenut f'dan ir-rigward.

Rat id-dikjarazzjoni ta’l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet pprezentata fil-5 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fi dritt u ghandhom jigu michuda.

2. Illi kuntrarju ghal dak premess mill-atturi, minn ezami tal-fatti koncernati, jirrizulta illi l-proceduri li kienu nbdew fis-snin sebghin quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet gew rezi dezerti wara, li fuq talba ta’ l-atturi stess, il-kawza tpoggiet *sine die*.

3. Illi kien ghalhekk fl-interess ta’ l-atturi illi jsegwu l-andament tal-kawza, galadarba l-Avviz ghall-Ftehim, kien sar, ikkontestat mill-atturi, u l-proceduri fil-Bord inbdew, haga li naqsu li jaghmlu, stante illi l-proceduri ma kienux jaqghu dezerti.

4. Illi nonostante dawn ic-cirkostanzi, id-dezerzjoni tal-proceduri gudizzjarji quddiem l-imsemmi bord, bl-ebda mod m’ghandha implikazzjonijiet fuq il-hrug u n-notifika ta’ l-Avviz ghall-Ftehim, kif premess mill-atturi, u ghaldaqstant ma jaffetwawx il-kumpens li kien offrut originarjament mill-esponenti lill-atturi.

5. Illi in vista tas-sueccepit, l-esponent mhux tenut, li jerga jibda mill-gdid il-procedura a bazi tal-Kap 88 tal-ligijiet ta’ Malta, stante li l-procedura kontemplata fl-imsemmi Kapitolu giet ezawrita kollha, u ghaliex il-ftuh mill-gdid ta’ din il-procedura, m’huwiex kontemplat mill-istess ligi.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet mahlufa mill-P.L Vanessa Magro u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Marzu, 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tordna lill-Kummissarju ta’ l-Artijiet biex jerga jibda mill-gdid il-procedura mahsuba fil-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ il-Land Acquisition Ordinance wara li l-proceduri illi kienu nbdew fis-sena 1967 kienu marru deserti quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet.

Huwa ghalhekk importanti illi wiehed isegwi dak li ta lok ghal din il-kawza b’mod kronologiku. L-artijiet imsemmija fic-citazzjoni kienu gew esproprjati mill-Gvern permezz ta’ ordni mahruga fis-6 ta’ Awwissu, 1967. Din giet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. (fol 6 u 7). Il-Kummisarju ta’ l-Artijiet ta’ dak iz-zmien kien baghat l-Avviz ghall-ftehim lill-atturi jew l-awturi taghhom f’Lulju 1970 (fol 25) u dawn irrispondew permezz ta’ ittra ufficjali presentata fit-8 ta’ Awwissu, 1970 (fol 27). F’din l-ittra huma cahdu l-offerta tal-Kummissarju u ghalhekk dan ippresenta rikors (fol 28) biex jigi ffissat il-kumpens xieraq. Din il-procedura hija dik mahsuba fl-imsemmi Kap 88 biex tigi deciza tali vertenza fl-Artikolu 22 ta’ l-istess ligi.

Fil-kaz in kwistjoni, wara li saru diversi seduti, quddiem il-Bord, fis-seduta tas-16 ta’ Dicembru, 1972 gie verbalizzat illi *Fuq talba ta’ l-intimati mhux opposta – riappuntabbli fuq talba verbali ta’ xi wahda mill-partijiet stante li l-intimati ma ghandhomx rispost dwar ir-razzett li qed jinbena – SINE DIE.*

Fil-21 ta’ Dicembru, 1974 il-Bord ta’ digriet li permezz tieghu il-kawza marret dezerta (fol 10).

Minn dakinhar ma sar xejn iktar u ghalhekk l-atturi gew f’sitwazzjoni fejn ghalkemm l-art giet esproprjata, huma qatt ma gew kompensati billi l-ammont li kellu jithallas ma gie ffissat qatt skond il-ligi. F’din il-kawza allura qed jitolbu illi l-procedura tal-esproprjazzjoni tibda mill-gdid – naturalment dan ikun ifisser li l-ammont pagabbli lilhom ikun dak gust fid-data ta’ l-ordni relattiva u mhux dak ta’ l-1967.

Ma hemmx dubbju li l-fatt li l-proceduri baqghu ma ntemmux holqu ngustizzja ma’ l-atturi li kif gia’ inghad baqghu ma thallsux ta’ l-art li ttiehditilhom. Madankollu l-ezitu ta’ din il-kawza jimmerita ezami approfondit tal-principji tal-ligi tal-procedura. Dan ghaliex wiehed irid jara ghaliex il-procedura li kienet bdiet quddiem il-Bord tal-Arbitragg ma ntemmitx u x’inhuma r-riperkussjonijiet legali.

F’dawn il-proceduri infatti il-konvenut f’ din il-kawza kien ir-rikorrent u l-proceduri kienu jinbdew minnu wara li jkun gie notifikat bl-ittra ufficjali fuq imsemmija. Meta kawza tigi differita *sine die*, normalment jiskatta t-terminu biex din tmur dezerta. Huwa minnu li f’dan il-kaz dan mhux suppost li gara ghaliex ir-rikors kien gie differit *sine die* riappuntabbli fuq talba verbali – izda ladarba gie moghti d-digriet ta’ l-1974 ma hemmx kwistjoni iktar li l-kawza marret dezerta. Fejn ma ghandhomx ragun l-atturi huwa li jattribwixxu dan il-fatt biss lill-konvenut. Dan ghaliex huma stess setghu talbu li r-rikors jigi appuntat mill-gdid ghaliex kull parti tista’ titlob dan u mhux il-promotur ta’ l-azzjoni (tkun xi tkun) biss. Ghalhekk il-kawza marret deserta ghaliex hadd mill-partijet ma kellu l-hajra li jerga jqeghda fuq il-lista.

Lanqas pero’ ma ghandu ragun il-konvenut li jghid fid-dikjarazzjoni tieghu li l-procedura quddiem il-Bord *giet*

*ezawrita kollha*. Dan assolutament mhux il-kaz ghaliex il-Bord ma ddecieda qatt kemm kellu jkun l-ammont li kellu jithallas bhala kumpens lill-atturi. Kien sta ghall-konvenut ukoll – rikorrent f'dawk il-proceduri li jissollecita dan billi jitlob li l-kawza tkompli tinstema'. Ghalhekk li l-procedura quddiem il-Bord ma ntemmitx, ma kienitx dovuta lil xi parti jew l-ohra izda liz-zewg partijiet.

Id-diffikulta' allura hija – x'inhuma r-riperkussjonijiet legali tal-fatt li dik il-procedura ma ntemmitx. L-atturi qed jissottomettu li dan ipoggi lill-partijiet fl-istess posizzjoni qabel l-ordni tal-Gvernatur. Il-konvenut donnu jrid jimplika li ladarba l-procedura waqfet fejn waqfet l-atturi huma tenuti jaccettaw il-kumpens offrut fl-Avviz (*notice to treat*).

Il-Qorti thoss li l-ebda wahda minn dawn il-posizzjonijiet ma huma korretti. Ladarba r-rikors kien mar desert il-posizzjoni tal-partijiet tmur lura ghal QABEL dawk il-proceduri u cioe' ghall-mument meta l-konvenut gie notifikat bl-ittra ufficjali ta' l-atturi. Id-drittijiet procedurali akkwistiti sa dak il-mument u d-drittijiet li jgibu maghhom l-istess drittijiet jibqghu naturalment impregudikati. Allura l-atturi ma jitilfux id-dritt li jikkontestaw il-kumpens offrut lilhom u lanqas il-konvenut ma jitlef id-dritt illi jerga jipproponi r-rikors mill-gdid. Fil-fehma tal-Qorti pero' dan ma jfissirx li l-ordni presidenzjali ghandha terga' tohrog u lanqas li l-atturi jigu accettaw dak li gie offrut lilhom. Id-dewmien fil-proceduri, ghalkemm jippregudika lill-atturi f'sens inflazzjonarju ma ghandux jippregudikahom ghal dak li hu l-valur tal-kumpens ghaliex l-artikolu transitorju li gie mizjud mal-Ligi in kwistjoni meta saru emendi sostanzjali bl-Att numru XI tas-sena 2002 jghid car u tond li fejn id-dikjarazzjoni presidenzjali tkun saret qabel id-dhul *in vigore* ta' dan l-Att, jibda jiddekorri imghax (maghdud skond l-Artikolu 12 (3) ta' l-Ordinanza) fuq l-ammont pagabbli lis-sid tal-proprjeta' li tkun giet espropjata minn dak in nhar stess u cioe' minn meta tkun saret l-esproprjazzjoni. L-atturi pero' ghandhom kull ragun li

jitolbu li l-intimat jerga jibda l-proceduri quddiem il-Bord ghaliex tali procedura ma jistghux jibdewha huma izda tispetta biss lill-konvenut u issa ghandha ssir skond kif trid il-ligi illum.

Fir-rigward tat-tieni talba pero', il-Qorti ma tistax tordna minn issa l-proceduri esekuttivi ghax dawn jistghu isiru biss wara li jiddekorri t-terminu li ser jigi prefiss minnha u fuq talba li ssirilha mill-parti interessata permezz ta' rikors.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tilqa' l-ewwel talba, izda limitatament billi tordna lill-konvenut biex fi zmien tlett xhur jipproponi l-proceduri relattivi quddiem il-Bord ta' l-Abrbitragg dwar l-artijiet *ai* termini ta' l-Artikolu 22 (6) tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta; tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba.**

**L-ispejjes fic-cirkostanzi jinqasmu kwantu ghal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------